MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Numru 426/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARTHESE MICALLEF**

**VS**

**SALVATORE BUHAGIAR**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-imputazzjoni migjuba kontra Salvatore Buhagiar ta’ 41 sena, iben Noe u Catherine nee’ Giordmaina, imwieled fid-29 ta’ Settembru 1962 u

residenti Pearl House, Wied Rini, Bahrija l/o Rabat, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 582262 M;

Talli fl-10 ta' Dicembru 2003 u fix-xhur ta' qabel, fil-Bahrija l/o Rabat, wettaq xi attivita' jew operazzjoni jew kien ingaggat f'xi attivita' jew operazzjoni li tirrigward r-rizorsi ta' l-energija, l-ilma u l-minerali meta ma' kellhux licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-rizorsi.

Wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 31 Tal-kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta;

U wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni bikrija u volontarja ta' l-istess imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Salvatore Buhagiar hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li rat il-fedina penali tal-imputat u l-konsiderazzjonijiet tal-kaz, tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-istess imputat, tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jwettaqx reat iehor fi zmien sena millum a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, kif ukoll ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-inkjesta ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------